# Tlugħ il-Mulej fis-Sema - 23 ta' Mejju 2020

*"Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha."*



Illum il-Knisja qed tiċċelebra l-festa tat-Tlugħ ta' Ġesu' fis-sema.
Hija festa li tfakkarna fil-glorja ta' Ġesu' li huwa kellu sa minn dejjem bħala Alla minn Alla, Dawl minn Dawl, Alla veru minn Alla veru.

Ejjew bħala dixxipli tal-Mulej nixteħtu nadurawh bħala Alla, bħala dak li issa qiegħed ħdejn il-Missier jinterċedi għalina.

Il-festa tal-lum tgħinna nindunaw li Alla jimxi pass pass magħna f'ħajjitna, jurina min Hu, jurina x'għandna nagħmlu u kif għandna nagħrfuh f'ħajjitna. B'dan il-mod aħna nagħrfu x'inhi l-missjoni tagħna f'din id-dinja, u b'hekk naslu nwettquha ħalli bħalu nitilgħu għand il-Missier.

**Ejjew inkomplu nitolbu għal xulxin, filwaqt li nipparteċipaw flimkien fil-Quddiesa tal-Ħadd fid-9.30am fuq TVM2.**

---

# Liturġija tad-Dar fil-Familja



“Morru, mela ...”

Tlugħ il-Mulej fis-Sema 2020

---

# Quddiesa is-Sibt 7PM




Agħfas hawn taħt biex tara siltiet mill-**[Quddiesa għaż-żgħażagħ]** li qed tigi streamed live kull nhar ta' Sibt fis-7pm. Il-Quddiesa hija animata minn **The New Victorians** u ċċelebrata minn Fr Brendan Gatt.

Il-Quddiesa ta' nhar is-Sibt li ġej ser tixxandar ukoll hawnhekk: https://youtu.be/gnFbpuQL9yY

---

# Kollox Hu F'Relazzjoni - *Laudato Si*



Din il-ġimgħa l-Knisja qed tiċċelebra l-5 Anniversarju tal-Enċiklika tal-Papa Franġisku *"Laudato Si"* dwar l-Għożża tad-Dar Komuni.

Agħfas hawn biex tara t-taħdita li saret ma' Prof Paul Pace dwar **Laudato Si u ż-żmien tal-pandemija.**

Ejja nsibu l-kuraġġ biex inbidlu d-drawwiet antiki tagħna sabiex nsiru iktar sostenibbli u nġibu bidla fil-mentalita' fil-komunitajiet li ngħixu fihom.

#CareforOurCommomHome #LaudatoSi #AEffect

# Riżorsi għat-tfal

## The Ascension of the Lord



Għal tfal ta' bejn 4 u 7 snin

Għal tfal ta' bejn 8 u 11-il sena

Mument ta' talb mal-ġenituri

Moment of prayer with parents

## L-Ikona tat-Tlugħ fis-Sema tal-Mulej



Riflessjoni minn Fr Martin Cilia MSSP.